MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru 1066/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella u Spettur Angelo Gafa')**

**Versus**

**Gina (Georgina) Lia**
**Brooks (Brooks Espedito) Lia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Gina (Georgina) Lia ta' 32 sena bint Vincent u Angiolina nee Meilak, imwielda l-Pieta' fl-4 ta' Jannar 1976, residenti fi 22, Triq il-Barrieri, Mosta u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 81476 (M)

Brooks (Brooks Espedito) Lia ta' 35 sena bin Vincent u Angiolina nee Meilak, imwieled tal-Pieta' fid-9 t'April,

1973, residenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 168073(M)

1**. Lil Ġina (Georgina) Lia** waħidha talli fil-Mosta kkommettiet serq ta' cheque book tal-Bank of Valletta maħruġ fuq kont bankarju numru 16309051016 bi ħsara ta' Spot On Gypsum Limited u l-Bank of Valletta;

2. ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' Ġunju 2008 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, xejentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ msiruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Mlata jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom u cioe' ċekkijiet misrqua;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diveris atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement għamlet użu minn ċedual, polza, ordni jew dokumenti oħra ffalsifikati, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jsita' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkustanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement għamlet użu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falza.

5. u aktar talli f'San Pawl il-Baħar, fis-26 ta' April, 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal

tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' disa' mija u wieħed u tletin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (931.75) għad-dannu ta' Joseph Spiteri, propjetarju ta' Jupiter Self-Service ta' Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar, u/jew Spot On Gypsum Ltd u/jew il-Bank of Valletta.

6. kif ukoll talli f'Ħal-Luqa, fit-22 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' mija u tlieta u tmenin ewro (€183) għad-dannu ta' Robert Brownrigg, propjetarju tya' Shoe Box ta' Triq San Tumas, Luqa.

7. **Lil Brooks (Brooks Esposito) Lia** waħdu talli fil-Mosta fl-20 ta' Mejju, 2008 jew fil-jeim ta' qabel, ikkommetta serq ta' cheque book tal-Bank of Valletta maħruġ minn kont bankarju nurmu 16309051016 bi ħsara ta' Spot on Gypsum Limited u l-Bank of Valletta.

8. kif ukoll talli f'dawn il-gżejjer , fil-21 ta' Mejju 208, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom u cioe ċekkijiet misruqa

9. kif ukoll talli f'dawn il-gżejjer, fis-26 ta' April 2008 ejw fil-jiem ta' qabel, iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe iffalsifika ċekk

numru 5988 maħruġ fuq kont bankarju tal-Bank of Valletta bin-numru 16309051016.

10. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkustanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel jklawsoli, dikjarazzjonijiet, jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe iffalsifika ċekk numru 5988 maħruġ fuq kont bankarju tal-Bank of Valletta bin-numru 16309051016

11. kif ukoll talli f'dawn il-gżejjer, fil-21 ta' Mejju 2008, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement għamel użu minn ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra ffalsifikati, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment publiku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

12. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkustanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijietdifferenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement għamel użu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falza.

13. kif ukoll talli f'Raħal ġdid, fil-21 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' ħames mitt ewro (€500) għad-dannu ta' Michael Farrugia, propjetarju tal-

Banka tal-Lottu ta' De Paola Band Club ta' Triq l-Arkata, Paola.

40. **Lil Gina (Georgina) Lia** talli fl-Iklin, fit-30 ta' Mejju, 2008, b'diversi atti maghmulin di żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' elf disa' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€1955) għad-dannu ta' Matthew Caruana, propjetarju ta' Iklin Computer Centre ta' Triq Geronio Abos, Iklin.

41. kif ukoll talli fil-Ħamrun, fit-22 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' mija u għaxar ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€110.86) għad-dannu ta' Paul Zammit, propjetarju ta' Shante Kids ta' Triq Ġuże` Pace, Ħamrun.

42. u aktar talli f'ta' Sliema, fil-21 ta' Mejju 2008, , b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' seba' mija u ħamsa u tletin ewro (€735) għad-dannu ta' Bro Co. Ltd, propjetarju ta' Sun Lab u Envy ta' Triq Bisazza, Sliema

43. kif ukoll f'Ta' Sliema, fil-21 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza

ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ sitt mija u ħamsin ewro (€650) għad-dannu ta’ Glenn Camilleri, propjetarju ta’ Crocker Jeans ta’ Tigne Seafront, Sliema

44. u aktar talli fil-Fgura, fil-21 ta’ Mejju, 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ disgħa u sittin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€69.99) għad-dannu ta’ Antoinette Abela, propjetarja ta’ Match Music ta’ Triq Żabbar, Fgura.

45. kif ukoll talli fil-Fgura, fil-21 ta’ Mejju 200, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ mitejn u tnax-il ewro (212) għad-dannu ta’ Suzanne Falzon, propjetarja ta’ Babies on the Go ta’ Triq Hompesch, Fgura.

46. u aktar talli fil-Belt Vallettaq, fit-23 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ mitejn u disgħa u sebgħin ewro (€279) għad-dannu ta’ Michelle Vella, propjetarja ta’ Bubbles ta’ Triq ir-Repubblika, Valletta.

47. kif ukoll talli f’San Ġiljan, fit-22 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza

ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ mitejn ewro (€200) għad-dannu ta; Robert Ellul, propjetarju ta’ Balloon Man ta’ Park Towers Complex, San Ġiljan.

48. u aktar talli f’Ta’ Sliema, fit-22 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ tliet mija u ħamsa u ħamsin ewro (€355) għad-dannu ta’ Forestals Group of Companies Limited, operaturi ta’ Forestals ta’ The Strand, Sliema.

49. kif ukoll talli f’Birkirkara, fit-22 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ mitejn u sebgħa u erbgħin ewro (€247) għad-dannu ta’ Forestals Group of Companies Limited, operaturi ta’ Forestals ta’ Birkirkara Bypass, Birkirkara.

50. u aktar talli fil-Ħamrun, fit-22 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ tnejn u tletin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€32.56) għad-dannu ta’ Sarex Limited, operaturi ta’ Tip Toes ta’ Triq il-Kbira, Ħamrun.

51. kif ukoll talli fil-Fgura, fit-22 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi

uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta'mija u ħames ewro (€105) għad-dannu ta' JB Stores Limited operaturi ta' JB Stores ta' Galeria Complex fi Triq Żabbar, Fgura.

52. u aktar talli f'San Ġwann, fit-23 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' mija wieħed u disgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€91.53) għad-dannu ta' Domenico Gorgano, propjetarju ta' Citta` della Moda ta' 2, Vjal ir-Rihan, San Ġwann.

53. kif ukoll talli f'San Ġwann, fit-23 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' tliet mija u ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (301.94) għad-dannu ta' S Borg & Sons Limited, operaturi ta' Park Towers Supermarket, San Ġiljan.

54. U aktar talli fl-Imsida, fit-30 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' mitejn u ħamsin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€250.55) għad-dannu ta' GDS Limited ta' 18-35, Msida Sea Front, Msida.

55. kif ukoll talli f'Ta' Sliema, fl-1 ta' Ġunju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi

uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' mitejn u wieħed u sittin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€261.39) għad-dannu ta' Tower Supermarkets Complex Limited, operaturi ta' Tower Supermarket ta' Triq il-Kbira, Sliema.

56. u aktar talli f'Birkirkara, fit-22 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' elf, ħames mija u erbgħin ewro (€1540) għad-dannu ta' Klikk Limited, operaturi ta' Klikk ta' Birkirkara Bypass, Birkirkara.

57. kif ukoll talli fil-Belt Valletta, fit-23 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' ħdax-il ewro (€11) għad-dannu ta' l-istabbiliment Pace ta' Triq it-Teatru l-Antik, Valletta

58. u aktar talli f'San Ġwann, fid-9 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' disgħa u disgħin ewro (€99) għad-dannu ta' Nicky Farrugia, propjetarju ta' D&N Discount Store ta' Triq in-Naxxar, San Ġwann.

59. kif ukoll talli fil-Ħamrun, fis-17 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza

ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ sitt mija u tmienja u disgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (698.82) għad-dannu ta’ Alfons Enterprises Limited ta’ Triq Manoel Magri, Ħamrun.

60. u aktar talli f’Raħal Ġdid, fit-22 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’ mitejn u ħmistax-il ewro (€215) għad-dannu ta’ Herbert Conti, propjearju ta’ Just Men ta’ Triq Tarxien, Paola

61. kif ukoll talli f’San Pawl il-Baħar, fil-21 ta’ Mejju 2008, b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta’erba’ mitt ewro u ħamsin ċenteżmu (€400.50) għad-dannu ta’ Frank Piscopo, propjetarju ta’ Piscopo’s Cash & Carry ta’ Triq Erb’a Mwieżeb, San Pawl il-Baħar.

62. **Lil Gina (Georgina) Lia** fl-Iklin fit-22 ta’ Mejju 2008 b’mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b’oħra sabiex iġgieghel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħadd ieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kinerika, għamlet qligħ ta’ disa’ mija u disgħa u erbgħin Ewro (€949) għad-dannu ta’ PC Option Limited, operaturi ta’ Scan Computers ta’ Triq Geronimo Abos, Iklin;

63. **Lil Brooks (Brooks Espostio) Lia** waħdu talli b’hekk sar reċidiv a terminu tal-artikolu 49 et sequitir tal-Kodiċi Kriminali b’sitt sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) datati 4 ta’ Diċembru 2003, 16 ta’ Jannar 2004, 6 ta’ Frar 2004, 11 ta’ Marzu 2004, 14 ta’ Novembru 2005 u 28 t’Ottubru 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid u l-fedini penali tal-imputati kollha kif ukoll il-kunsens tal-imputati u tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrijiet tal-imputati mmarkati AG 1, (stqarrija ta’ Gina(Georgina) Lia maħgmula fil-5 ta’ Ġunu 2008 fis-13.30, tkompliet fl-16.16 kif ukoll fis-19.15 tal-istess jum, stqarrija tal-istess imputata magħmula fis-6 ta’ Ġunju 2008 (AG 1 – 4), stqarrijijiet ta’ Brooks Lia (AG 5 - 6); sentenzi fil-konfront ta’ Brooks Lia (4 ta’ Diċembru 2003) (multa), 16 ta’ Jannar 2004 (multa), 6 ta’ Frar 2004 (multa), 11 ta’ Marzu, 2004, (probation order ta’ tliet snin li kellha tispiċċa fit-12 ta’ Marzu 2007), 14 ta’ Novembru 2005 (priġunerija ta’ tliet xhur); 28 t’Ottubru 2006 (sena priġunerija)

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat**

**(a) fil-konfront ta’ Gina (Georgina) Lia, l-artikoli 284, 285, 18, 334(a), 18, 169, 18, 184, 18, 308, 309, 310(1) tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet bin-numru 1, 2, 3, 4, 5, 6, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 49, 50, 51, 52, 53, 54, 55, 56, 57, 58, 59, 60, 61, 62. Dwar il-piena il-Qorti qed tqis li (a) l-imputata ghamlet ammissjoni bikrija; (b) ikkoperat bis-shih mal-Pulizija; (c) irritornat parti mill-affarijiet lura; (d) il-fedina penali kellha biss reat wiehed. Ghal hekk wara li rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputata ghal sentejn prigunerija li ghandhom jibqghu sospizi sakemm hija mat wettaqx xi reat iehor fi zmien erba’ snin millum. Oltre dan, ai termini ta’ l-Artikolu 28H tal-Kap 9, l-imputata trid thallas il-bilanc li ghandha taghti lill-vittmi.**

**(b) fil-konfront ta' Brooks (Brooks Espedito) Lia l-artikoli 49, 50, 284, 285, 18, 334(a), 167(1), 183, 18, 169, 18, 184, 18, 308, 309, 310(1) tal-Kap 9, 183, 18, 169, 18, 184, 308, 309, 310 (1) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet bin-numru 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13 u 63. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija u li huwa rritorna xi oggetti lura. Biss l-imputat huwa ricediv, Ghal hekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' 33 xahar.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------